MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 209/2009

**B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Settembru 2005; li l-konvenut dahal ghal dan iz-zwieg ghal ragunijiet ta' konvenjenza sabiex ikun jista' jghix fil-Gzejjer Maltin, u xejn aktar; li z-zewg partijiet eskludew it-tfal f' dan iz-zwieg; li l-kunsens matrimonjali ta' l-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [a] u [c], u dak taz-zewg partijiet fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghaldaqstant qed titlob li dan iz-zwieg jigi dikjara null u bla effett fil-ligi; bl-ispejjez

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa: li ma hemmx raguni valida ghaliex dan iz-zwieg ghandu

jigi dikjarat null fil-ligi; li dan huwa zwieg normali li sar wara li l-partijiet kienu ilhom numru ta' snin jafu lil xulxin; li mhux minnu li l-partijiet kienu ftehimu li ma jkollhomx tfal, u hu dejjem xtaq li jkollhom it-tfal, izda l-attrici qatt ma qaltlu li hi qatt ma riedet tfal;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-23 ta' Settembru 2005 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jopponi ghat-talba attrici, u jsostni li z-zwieg huwa wiehed validu fil-ligi.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Maltija, kienet saret taf lill-konvenut, cittadin Sirjan, meta dana kien ghadu mizzewweg mara ohra, ukoll ta' nazzjonalita' Maltija. Minkejja li l-konvenut f' dak iz-zmien kien mizzewweg, l-attrici xorta wahda dahhlet f' relazzjoni stabbli mieghu, u allura l-konvenut kien pproceda fil-qrati civili sabiex jottjeni l-annullament mill-ewwel zwieg.

Fit-30 ta' Gunju 2005 l-Qorti Civili laqghet it-talba tal-konvenut, attur f' dawk il-proceduri, u ddikjarat null u nvalidu fil-ligi z-zwieg kuntrattat minnu mal-mara l-ohra fl-20 ta' Marzu 2000. Fis-sentenza taghha, il-Qorti osservat obiter: "L-attur jammetti li huwa kien ilu Malta minn 1998 u kellu problemi li joqghod hawn Malta ghaliex huwa kien mis-Sirja u kien tilef il-passaport tieghu, u ghalhekk kellu diffikolta' sabiex igedded il-visa. Jghid li laqqawh mal-konvenuta li kienet accettat li tizzewgu mbasta jhalsilha pagamenti tal-karrozza Fiat li hija kienet xtrat." Tkompli tosserva: "dan ma kien zwieg xejn, kien kollox simulat, u

kien biss zwieg ta' konvenjenza, u ghalhekk il-kunsens ta' kull parti f' dan iz-zwieg kien vizzjat abbazi ta' l-artikolu 19[1][f] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta."

Illi tlett xhur wara, fid-29 ta' Settembru 2005, il-partijiet f' din il-kawza kkuntrattaw iz-zwieg bejniethom, wara li kienu ilhom jafu u jikkonvivu ma' xulxin circa erba' [4] snin; izda wara konvivenza matrimonjali ta' circa erba' [4] snin, il-partijiet isseparaw de facto meta l-attrici kecciet lill-konvenut mid-dar tal-genituri taghha fejn il-partijiet kienu qed joqghodu f' dak iz-zmien.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attrici*

L-attrici tghid li sa minn qabel iz-zwieg, ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet irriskontrat problemi naxxenti mill-fatt allegat minnha li l-konvenut kien jghir hafna ghaliha. Din l-ghira tant kienet kbira li minhabba f' hekk l-attrici, li tahdem bhala beautician, kienet kostretta li titlaq mill-impieg taghha, filwaqt li l-konvenut kien weghda li wara z-zwieg kien ser jixtrilha salon sabiex tkun tista' tahdem fih. Tghid ukoll li huwa kien jheddida li jekk ma tkunx tieghu, hi ma kienet ser tkun ta' hadd izjed, u hadd ma kien ser igawdiha. Tghid: "… mill-ewwel beda jurini li kien bniedem ghajjur hafna u li ma riedx li jkolli kuntatt ma' rgiel ohra …. L-ghira kienet parti kbira minn hajtu.."[1] "Nghid ukoll li kien hemm drabi fejn kont iddecidejt li nitilqu, ghaliex din l-ghira ma kont niflahha aktar.."[2]

L-attrici tghid li l-konvenut kien xhih hafna maghha sa minn zmien l-gherusija. "Meta kont nitolbu l-flus ghall-hajja u ghall-affarijiet li kelli bzonn, kien jghidli li kien ser jibda jaghtini l-flus wara li nizzewgu u mhux qabel …. Kien jurini li kellu cash flow tajba, imma fl-istess hin lili kien izommni nieqsa, dejjem bl-isperanza ta' hajja ahjar wara z-zwieg. Izda wara z-zwieg ma kienx zamm il-promessi tieghu, u filwaqt li ma kienx zamm il-promessa tieghu li jifthilha salon sabiex tibda tahdem ghar-rasha; ukoll ma

[1] Fol.16
[2] Ibid.

zammx il-weghda li kien ghamel lilha qabel iz-zwieg, li matul iz-zwieg kien ser jiftah kont kongunt u jitfa' l-flus fih sabiex iz-zewg partijiet ikunu jistghu jinqdew minn dan il-kont. Xejn minn dan. Ghalhekk wara z-zwieg l-attrici spiccat minghajr xoghol u minghajr introjtu bir-rizultat li kienet kontinwament tittallab lil zewgha ghal flus, li minn naha tieghu kien qammiel hafna maghha. Tispjega li flus f' idejha ma kienx jaghatiha, u biex jaghmlu x-xirja kien imur maghha hu.

Tghid li meta bdew jghixu fis-Sirja, is-sitwazzjoni aggravat hafna; ghax filwaqt li zewgha kien beda jinjoraha, hu kien jisma' milli jghidulu niesu u mhux minn martu. Wkoll niesu ma kienux accettawha minhabba li ma kinitx muzulmana. Tghid li zewgha kien jaqfilha gewwa u ma kienx ihalliha tohrog waheda, lanqas kien ihalliha tohrog fil-gallarija biex ma jarawhiex irgiel; u dan anke meta ghal perijodu qasir kien hemm jghixu maghhom il-genituri taghha. Tirrakkonta wkoll kif il-konvenut kien sar aktar xhih maghha, u kien anke jaghmel xenati fuq affarijiet zghar meta kienet taghmel xi haga li ma kinitx toghogbu.

L-attrici tghid li l-konvivenza matrimonjali mal-konvenut kienet hajja ta' mizerja ghaliha. Tghid: "Jiena kont spiccajt qisni l-iskjava tieghu, u ma kontx stmata bhala martu."

Illi rigward iz-zmien li fih l-attrici kienet iddecidiet li tizzewweg lill-konvenut wara li dan kien gab l-annullament mill-ewwel mara, tghid li l-konvenut huwa smooth-talker u perswaziv hafna, u lilha kien ikkonvinciha li d-difetti karatterjali li mmanifestaw fih qabel iz-zwieg, ma kienux ser jibqghu ghax kien ser jinbidel. Tispjega li huma kienu zzewgu daqshekk malajr wara l-annullament peress li altrimenti kien ser ikollu jitlaq minn Malta. Tghid: "Kelli niehu hafna decizjonijiet f' temp qasir ghaliex D inghata xahar biex jirregolarizza [wara l-annullament] il-pozizzjoni tieghu f' Malta, u ovvjament D talabni biex nizzewgu biex xorta jkun jista' jbqa' Malta."[3]

[3] Fol.18

Tghid li fil-mori tal-proceduri odjerni, huwa kien talabha sabiex tiffirmalu ghall-passaport Malta, inkellu jkompli jopponi ghat-talba taghha ghall-annullament.

L-attrici tghid li, ghalkemm hija kienet accettat li tizzewweg lill-konvenut ghax kienet thobbu, hija xorta wahda ma kinitx certa minnu;  fi kliem iehor, ma kinitx tafdah, u allura qabel iz-zwieg hija kienet hadet decizjoni li qabel ma tiddecidi li jkollha tfal f' dan iz-zwieg, tistenna numru ta' snin.  Di fatti meta rat li l-konvenut ma kienx zamm kellmtu fil-konfront taghha, u kienet ghaddejja minn hajja difficli hafna minhabba fih, hija ddecidiet li ma jkollhiex tfal. Ghalhekk l-att taz-zwieg dejjem sar bi prekawzzjoni.

Rigward il-habib taghha Taljan li eventwalment bdiet tikkorrispondi mieghu bl-sms, l-attrici tghid li fis-sitwazzjoni ta' dwejjaq li kienet tinsab fiha, hija kienet issib konfort b' din il-komunikazzjoni ma' dan il-habib taghha.  Hija tichad pero' li kellha xi relazzjoni mieghu.

*Verzjoni Konvenut*
Minn naha tieghu l-konvenut jichad li hu kien izzewweg lill-attrici unikament biex jottjeni l-passaport. Jghid li kien izzewwigha ghax kien ihobbha. Jichad li kien ihalliha nieqsa, u jghid li dejjem taha dak li kellha bzonn. Inoltre, jichad li kien ikkostringiha sabiex titlaq mill-impieg li kellha, u jghid li kienet telqet ghax kienet iddejqet.

Jghid li huma kienu marru jghixu s-Sirja ghax hekk xtaqet l-attrici;  izda hemmhekk hi kienet inbidlet. Jichad li ma kinitx tmur tajjeb mal-familjari tieghu, tant li wara li nizlet Malta, hi baqghet tikkorrispondi mat-tifla ta' ohtu. Jghid li l-familja tieghu kienu jhobbuha u jirrispettawha. Huma nizlu mis-Sirja ghax l-attrici ma setghetx tidhra hemmhekk.

Il-konvenut jichad li hu kien dahal f' xi ftehim ma' l-attrici biex ma jkollhomx tfal fiz-zwieg, u jghid li hu ried tfal, izda kienet l-attrici li kienet dejjem tittrattjeni.  Di fatti kienet tinsisti li matul l-att tat-zwieg hu juza l-prezervattivi.

Jghid li eventwalment skopra li martu kienet qeda tikkorrispondi bl-sms ma' habib Taljan li kellha qabel; izda hu kien lest li jahfrilha.

Rigward id-diskors dwar il-passaport, li sar fil-mori tal-proceduri odjerni, jghid li kienet l-attrici li kienet ipproponiet li huma jkompli jghixu flimkien ghaz-zmien mehtieg sabiex huwa jakkwista l-passaport Malta, u mbaghad ma jibqax jopponi ghall-annullament.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu hija propensa li taghti affidament ghall-verzjoni tal-fatti kif esposti mill-attrici. Inoltre, ix-xhieda taghha tinsab korroborata f' certi aspetti mill-genituri taghha li kienu vicin hafna taghhom, sa anke kienu telghu maghhom s-Sirja ghal tlett xhur.

Illi f' dan il-kaz, pero' il-Qorti ma thossx li l-konvenut izzewweg lill-attrici unikament sabiex jibqa' jghix Malta, u jottjeni l-passaport Malta; u l-Qorti hija propensa taccetta li hu zzewweg lill-attrici ghax kien ihobbha. Mill-banda l-ohra pero' il-komportament tieghu fil-konfront ta' l-attrici, kemm qabel, kif ukoll wara z-zwieg, jimmanifesta l-inkapacita' tieghu li jghix ma' l-attrici f 'unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku. L-egojizmu esagerat tieghu, manifestat fl-ghira u fix-xehha kbira li hu kien juri fil-konfront ta' l-attrici, allura gharusa tieghu, u eventwalment martu, kienu ta' ostakolu serju sabiex l-partijiet jbnu bejniethom komunjoni ta' hajja u mhabba. Din l-inkapacita' tieghu tinkwadra fid-dispozizzjoni kontenuta fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, liema *caput nullitatis* jikkonfigura fil-konfront tieghu.

Mill-banda l-ohra pero' l-attrici, li sa minn qabel iz-zwieg kienet taf bid-difetti karatterjali tal-konvenut, li mieghu kienet ghexet ghal numru ta' snin qabel iz-zwieg, uriet li hi ma kinitx fehemet l-import tal-konvivenza matrimonjali mal-konvenut. Tghid li hi kienet temmen lill-konvenut meta dan kien jghidilha li ser jinbidel; izda d-difetti kienu ta' natura karatterjali u ghalhekk ma kienux se jitrangaw biz-zwieg biss. Di fatti, kif stqarret hi stess, lanqas hi ma kienet certa mill-pass li kienet ser tiehu, bir-rizultat li kienet

ipposponiet ghal numru ta' snin li hi jkollha tfal fiz-zwieg. Ghalhekk l-attrici ghandha ggorr parti mir-responsabbilita'

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi; filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici limitatament billi tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' Settembru 2005 huwa null u bla effett fil-ligi.

L-ispejjez jigu sopportati, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut, u r-rimanenti terz [1/3] jibqa' a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------